DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Ottubru 2010

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropeju l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali

(2010/698/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 79(2)(b), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 67 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra [1] ('il-Ftehim'), jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta dispożizzjonijiet biex jimplimenta l-prinċipji dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali kif stabbilit fl-Artikolu 65 tal-Ftehim qabel tmiem l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

(2) It-tieni inċiż tal-Objettiv 29 tal-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija adottat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-4 ta' Lulju 2005 jitlob l-adozzjoni mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' deċiżjoni li timplimenta l-Artikolu 65 tal-Ftehim.

(3) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, annessa għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

(4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex ser jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhux marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċizjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

J. MILQUET

[1] ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.